## PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Konkors Numru 169/2022 MS wara l-mandat ta' sekwestru bin-numru 926/2021 u fl-atti taċ-ċedoli ta' depożitu bin-numru 1313/2021, 1622/2021 u 1781/2021 fl-ismijiet:*

**Carmelo sive Charles Bianco għan-nom tas-soċjetà Western Company Limited**

**Vs.**

**Andre Apap**
**Bernardette Apap**

Illum, 4 t'Ottubru, 2024

Kawża Numru: 8

1. Din hija deċiżjoni dwar konkors ta' kredituri li nżamm fuq depożiti ta' flus magħmula permezz ta' tliet ċedoli ta' depożitu sussegwentement għall-ispedizzjoni ta' mandati ta' sewkestru kontra d-debituri Apap.

2. Mill-atti tal-konkors jirriżulta li ċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 1622/2021, fl-ismijiet "Carmelo sive Charles Bianco għan-nom tas-soċjetà Western Company Limited vs. Andre Apap u Bernardette Apap", ġiet preżentata mis-soċjetà Bank of Valletta plc fis-27 t'Awwissu 2021 li ddepożitat fir-Reġistru ta' din il-Qorti s-somma ta' €5,655.98, li flimkien mas-somma ta' €244.06 dedotta mid-depożitanti għall-ispejjeż tad-depożitu, jġibu s-somma ta' €5,900.04 li d-depożitanti kellha fil-pussess tagħha u li huma ta' pertinenza tad-debitur Andrè Apap.

3. Fl-istess ċedola ta' depożitu[1], jingħad illi dan id-depożitu qed isir in segwitu u b'konsegwenza tas-segwenti mandati ta' sekwestru:

    i. dak bin-numru 926/2021, diġà msemmi;
    ii. dak bin-numru 279/2012 fl-ismijiet "Banif Bank (Malta) plc vs. Andre Apap" maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri;
    iii. dak bin-numru 51/2017 fl-ismijiet "Ryan Farrugia vs. Andre Apap", maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri;
    iv. dak bin-numru 739/2013 fl-ismijiet "Mobisle Communications Limited vs. Apap Andre", maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);
    v. dak bin-numru 2261/2016 fl-ismijiet "Sky People Aviation Trading Limited vs. Andre Apap", maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);
    vi. dak bin-numru 1403/2017 fl-ismijiet "Jane Debono vs. Andre Apap", maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);
    vii. dak bin-numru 2217/2018 fl-ismijiet "Michael Farrugia u Rowena Mizzi vs. Andre Apap", maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);
    viii. dak bin-numru 2001/2019 fl-ismijiet "Saliba Bros. Limited vs. Andre Apap", maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);
    ix. dak bin-numru 2143/2019 fl-ismijiet "Giorgio Grech vs. Andre Apap", maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);
    x. dak bin-numru 198/2020 fl-ismijiet "Pullicin Conbricks Limited vs. Andre Apap", maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);
    xi. dak bin-numru 530/2020 fl-ismijiet "Marlor Caruana u Kenneth Pullicino vs. Andre Apap", maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

[1] A fol.1.

xii. dak bin-numru 1866/2020 fl-ismijiet "Ballut Blocks Services Limited vs. Andre Apap", maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

xiii. dak bin-numru 1523/2021 fl-ismijiet "Joseph Bonello vs. Andre Apap", maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

4. Jirriżulta wkoll li fit-12 ta' Lulju 2021, l-istess Bank of Valletta plc preżentat ċedola ta' depożitu oħra bin-numru 1313/2021[2] li biha ddepożitat is-somma ta' €9,037.38, li wara t-tnaqqis tal-ispejjeż tad-depożitu, ħalliet is-somma ta' €8,849.15. Dawn il-flus huma ta' pertinenza tad-debitriċi Bernardette Apap. Dawn il-flejjes jidher li ġew żbankati minn Western Company Limited[3], li hija l-uniku konkorrent li għandu kreditu kanonizzat kontra Bernardette Apap.

5. Fl-24 ta' Settembru 2021, l-istess Bank preżenta ċedola ta' depożitu oħra bin-numru 1781/2021, bl-ammont ta' €8,314.70 ta' pertinenza tad-debituri Apap[4].

6. Fid-29 ta' Settembru 2021, is-soċjetà Pullicin ConBricks Limited preżentat rikors[5] fl-atti taċ-ċedola bin-numru 1622/2021 għall-iżbank tas-somma ta' €3,062.73, wara li fissret li hija kienet kreditur kanonizzat ta' Andrè Apap wara sentenza definittiva mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fit-18 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet "Pullicin ConBricks Limited vs. Andre Apap" (Avviż Numru 46/2020 KCX). Skont din is-sentenza, is-soċjetà Pullicin ConBricks Limited kienet dovuta sorti ta' €2,485.76, bl-imgħax dekorribbli mill-5 ta' Frar 2020 u bl-ispejjeż tal-kawża.

7. B'dikriet mogħti fis-6 t'Ottubru 2021, il-Qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors lill-partijiet bi żmien erbat ijiem utili għat-tweġiba.

8. Fil-5 ta' Novembru 2021, is-soċjetà BNF Bank plc (qabel Banif Bank (Malta) plc) ressaq rikors[6] fl-atti tal-istess ċedola bin-numru 1622/2021 għall-iżbank tas-somma ta' €2,918.86 li hija fissret li kienet dovuta lilha skont sentenza definittiva mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fit-18 ta' Frar 2013, fl-ismijiet "Banif Bank (Malta) plc vs.

[2] Ara fol.15.
[3] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Charles Bianco, a fol.183.
[4] Ara fol.16.
[5] Ara fol.17.
[6] Ara fol.24.

Andre Apap" (Avviż Numru 2/2013 KM). Skont din is-sentenza, il-Bank kreditur kien dovut sorti ta' €1,551.82, bl-imgħax dekorribbli mis-7 ta' Jannar 2013 kif ukoll bl-ispejjeż tal-kawża u tal-mandat kawtelatorju preżentat kontestwalment. Dan il-kreditu ġie wkoll munit b'ipoteka ġenerali ġudizzjali bin-numru 456/2013 u reġistrata fit-12 t'April 2013.

9. B'dikriet mogħti fid-9 ta' Novembru 2021, il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lis-soċjetà Western Company Limited bi żmien għaxart ijiem għat-tweġiba. Western Company Limited opponiet għal dan l-iżbank fis-6 ta' Diċembru 2021[7], u sostniet li hija għandha titolu eżekuttiv kontra d-debituri Apap naxxenti minn ittra uffiċċjali eżekuttiva bin-numru 159/2020 fis-somma ta' €17,163.85 u li jinkludi l-ispejjeż[8]. B'dikriet mogħti fil-15 ta' Diċembru 2021, il-Qorti ordnat li din ir-risposta tiġi notifikata lill-Bank rikorrent li ngħata għaxart ijiem utili għar-risposta tiegħu.

10. It-talba ta' żbank mis-soċjetà BNF Bank plc ġiet ukoll opposta minn Marlor Caruana u Kenneth Pullicino fil-11 ta' Frar 2022, li sostnew li huma wkoll għandhom titolu eżekuttiv kontra Andre Apap naxxenti minn ittra uffiċċjali eżekuttiva bin-numru 391/2020 għall-ammont ta' €13,586, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet[9].

11. L-istess Marlor Caruana u Kenneth Pullicino mbagħad preżentaw rikors fil-11 ta' Frar 2022 li bih talbu l-ftuħ ta' konkors tal-kredituri b'riferenza għall-atti taċ-ċedoli ta' depożitu bin-numri 1313/2021, 1622/2021 u 1781/2021[10].

12. Din it-talba ġiet milqugħa b'dikriet tal-25 ta' Frar 2022[11], fejn ġew ukoll ordnati s-soliti notifiki u l-ħruġ tal-avviżi skont il-liġi. Fil-fatt l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern sar fil-21 t'Ottubru 2022[12], filwaqt li l-pubblikazzjoni tiegħu f'gazzetta lokali ta' kuljum sar fid-9 ta' Novembru 2022[13] u fl-4 ta' Novembru 2022[14].

---

[7] A fol.50.
[8] Ara fol.53.
[9] Ara fol.58.
[10] Ara fol.66.
[11] Ara fol.71.
[12] Ara fol.78.
[13] Ara fol.180.
[14] Ara fol.181.

13. Issa l-mod kif għandu jitmexxa konkors bħal dan huwa regolat mill-artikoli 416 ‘il quddiem tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Minn dak li setgħet tara l-Qorti, il-kredituri ma jidhirx li mxew mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi fil-proċess ta’ dan il-konkors.

14. L-ewwel nuqqas proċedurali ġej mill-fatt li ħadd mill-kredituri ma ħares dak li jrid l-artikolu 416(4) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħid hekk:

> Bl-avviż hawn fuq imsemmi għandhom ikunu nnotifikati d-depożitanti, id-debitur, il-kredituri esekutanti kif ukoll kull kreditur ieħor li fuq talba tiegħu jkun ġie maħruġ mandat ta’ sekwestru.

15. Però l-avviż in kwistjoni ġie notifikat biss lid-debituri u lis-soċjetà Western Company Limited. Iżda skont il-liġi dan l-avviż kellu wkoll jiġi notifikat lid-depożitanti (li f’dan il-każ kienet is-soċjetà Bank of Valletta plc), kif ukoll lil kull kreditur ieħor li fuq talba tiegħu ikun ġie spedit mandat ta’ sekwestru. Kif rilevat fil-bidu ta’ din id-deċiżjoni, hemm lista mhux żgħira ta’ kredituri eżekutanti ta’ din ix-xorta, u għalkemm uħud minnhom dehru fl-udjenzi tal-konkors, b’mod li jista’ jiġi inferit li dawn taw ruħhom b’notifikati bl-avviż, oħrajn ma dehrux, inklużi wħud li minn dak li setgħet tara l-Qorti huma wkoll muniti b’jeddijiet ta’ preferenza[15].

16. Dan ifisser li l-ħtieġa mposta mil-liġi skont l-artikolu 416(4) ma ġietx sodisfatta. Fid-deċiżjoni ***Concorso dei Creditori dell’assente Maria ovvero Marietta Oliva*** (Prim’Awla, 16/1/1912)[16] intqal dwar nuqqas simili li: «*Atteso che il difetto di tale notifica prescritte dall’ultimo paragrafo dell’articolo 437 Procedura Civile, rende nullo l’intero procedimento perchè esso arreca all’interessato un pregiudizio che non può altrimenti essere riparato che annullando lo atto; e ciò quantunque la legge non commini espressamente la nullità per causa dell’ommissione dell’avviso*».

17. It-tieni nuqqas proċedurali huwa li l-ebda wieħed mill-kredituri ma talab formalment b’rikors l-ammissjoni tiegħu fil-konkors, kif irid l-artikolu 418. Din id-dispożizzjoni fil-fatt tgħid:

---

[15] Ara fol.45 u 47.
[16] Kollezz. Vol.XXI.ii.395.

> Kull min irid jikkonkorri fuq il-flus iddepożitati fil-qorti, għandu, fiż-żmien li jmiss, jippreżenta rikors u fih jitlob li l-kreditu tiegħu jiġi gradwat dwar il-flus. L-ewwel konkorrent għandu flimkien mar-rikors tiegħu jġib kopja taċ-ċedola tad-depożitu.

18. Dan in-nuqqas ġie wkoll rilevat mill-abbili perit legali nominata f'din il-kawża, li però qieset li dawk il-kredituri li dehru għall-udjenzi fil-konkors u li ppreżentaw provi in sostenn tal-jeddijiet tagħhom għandhom jitqiesu ammessi bħala konkorrenti.

19. Fid-deċiżjoni mogħtija fil-konkors fl-ismijiet ***Lawrence Farrugia et vs. Portelli & Pisani Limited et***[17], il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili eskludiet mill-konkors dawk il-kredituri li ressqu l-pretensjoni tagħhom b'nota, u mhux b'rikors. Hekk ukoll, fil-***Konkors ta' Kredituri ta' Testing Limited***[18], ġie deċiż li n-nuqqas ta' talba fit-terminu jġib il-konsegwenza li l-kreditur in kwistjoni ma jitqiesx parti mill-konkors. U iktar lura fiż-żmien, fid-deċiżjoni ***Michele Saguna vs. Carmelo Bezzina ed altri*** (Appell Superjuri, 10/5/1887)[19], ġie kkunsidrat li: «*...per comparsa in un giudizio di concorso, la legge, negli articoli 437, 438, 439 e 440, intende una comparsa con esercizio dei diritti del comparente, per mezzo di un libello, con domanda di pregraduazione, e non una intervenzione simile a quella dell'attore in quel giudizio, senza il libello dalla legge prescritto*».

20. Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dawn iż-żewġ nuqqasijiet proċedurali li effettivament ikkumplikaw id-deċiżjoni tagħha dwar konkors li fil-meritu tiegħu kellu jkun wieħed sempliċi. Fil-fehma tagħha, il-ħtiġiet imposti mil-liġi fl-artikolu 416(4) u fl-artikolu 418 iridu jinftiehmu u jitqiesu fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 417, li jgħid hekk:

> Id-deċiżjoni tal-kawża ta' konkors bejn il-kredituri li jkunu dehru fiż-żmien stabbilit, ma twaqqax mill-jeddijiet tagħhom lil dawk il-persuni li ma jkunux dehru; u kull waħda minn dawn il-persuni tista', wara, titlob lura l-flus, kollha jew parti minnhom, mingħand il-kreditur gradwat, kemm-il darba l-jeddijiet tagħha jiġu f'kawża għaliha, magħrufa bħala aqwa jew daqs dawk

[17] Prim'Awla, 20/4/2009 (Rik. Nru. 123/2007 GV).
[18] Appell Superjuri, 3/3/2006.
[19] Kollezz. Vol.XI.332.

> tal-kreditur gradwat: iżda jekk jiġi ppruvat illi dik il-persuna li għandha jedd aqwa jew indaqs setgħat tidher biex tikkonkorri fiż-żmien li jmiss, in-nuqqas tad-dehra tagħha jista' jitqies fid-deċiżjoni tal-ispejjeż.

21. Din id-disposizzjoni tirreferi għal *jus avocandi*, u ċjoè l-jedd ta' kredituri li ma jipparteċipawx fil-konkors li jġibu 'l quddiem il-jeddijiet tagħhom anke fil-konfront tal-kreditur vinċenti fil-konkors, salv l-akkollament tal-ispejjeż fejn jirriżulta li dak il-kreditur "estern" setgħa wkoll ikkonkorra bħall-oħrajn. Il-fatt li dak il-kreditur "estern" ikun naqas li jikkonkorri minkejja li kien anke notifikat bl-eżistenza tal-proċeduri ta' konkors ma jnaqqas xejn mid-dritt tiegħu li jeżerċita l-azzjoni avokatorja[20]. Sabiex din l-azzjoni tibqa' tikkompeti lil dak il-kreditur, huwa neċessarju li dak il-kreditur ma jkun ipparteċipa b'ebda mod fil-konkors, billi l-ġurisprudenza stabbilit illi l-kreditur li jitlob li jiġi ammess fil-konkors jitlef id-dritt għall-azzjoni avokatorja anke jekk it-talba tiegħu għall-ammissjoni tiġi miċħuda mill-qorti[21]. Anke kreditur li jikkonkorri dwar kreditu partikolari mhux ammess imbagħad li jesperixxi l-azzjoni avokatorja dwar kreditu differenti, minkejja riserva espressa fl-att li bih ikun talab l-ammissjoni tiegħu fil-konkors[22].

22. Dan għalhekk ifisser li kull kreditur li ma jkunx ipparteċipa fil-konkors, **<u>irrispettivament minn jekk ġiex notifikat bl-avviż imsemmi fl-artikolu 416(4)</u>**, għandu l-jedd li jeżerċita l-*jus avocandi* jekk juri li għandu jedd aqwa mill-kreditur pregradwat fil-konkors. Fil-fehma ta' din il-Qorti, u bl-akbar rispett, jingħad li tirriżulta żbaljata d-deċiżjoni li konkors b'nuqqas ta' notifika jwassal għan-nullità tal-proċediment sħiħ. Deċiżjoni li ttieħdet sabiex jiġi evitat preġudizzju li dik il-Qorti sejħet irriparabbli. Madanakollu dak il-preġudizzju rriparabbli ma jirriżultax, għaliex il-kreditur mhux notifikat bl-avviż ikollu dejjem il-jedd li jesperixxi l-azzjoni taħt l-artikolu 417.

23. Wara kollox, it-terminu ta' xahar sabiex jidher min għandu interess jikkonkorri jibda jiddekorri, skont l-artikolu 416(1), mill-pubblikazzjoni tal-avviż u mhux min-notifika tiegħu skont l-artikolu 416(4), bil-konsegwenza tkun li l-kredituri kollha huma

---

[20] Ara ***Raymond Camilleri vs. Dr. Henry sive Eric Mamo noe*** (Prim'Awla, 6/10/1997).
[21] Ara ***Park Hotel Limited vs. Bank of Valletta plc*** (Appell Superjuri, 24/6/2016).
[22] Ara ***Dr. Antonio Brincat vs. Sac. Don Paolo Zammit*** (Prim'Awla, 16/12/1878).

mistennija li jersqu '1 quddiem irrispettivament min-notifika maħsuba fl-artikolu 416(4)[23].

24. Hekk ukoll, il-Qorti qed tqis li dawk il-kredituri li hija se tqis mhux ammessi f'dan il-konkors minħabba li ma mxewx kif irid l-artikolu 418, se jkollhom il-jedd jeżerċitaw l-azzjoni taħt l-artikolu 417, u dan se jwassal biss sabiex min jiġi pregradwat f'dawn il-proċeduri jkollu jiffaċċja proċeduri oħrajn. Huwa fatt li ħadd mill-kredituri li dehru ma mexa skont l-artikolu 418, u dan se jkun ifisser li jekk il-Qorti se timxi preċiżament mal-kelma tal-liġi, dan il-konkors se jibqa' mingħajr konkorrenti.

25. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li għandha tapplika l-prinċipju li l-liġi tal-proċedura hija l-għodda sabiex jinġieb 'il quddiem id-dritt sostantiv, u m'għandhiex twassal biex minflok toħnoq dak id-dritt. Wara kollox, il-kredituri li dehru f'dawn il-proċeduri huma lkoll fl-istess qagħda u din id-deċiżjoni mhux se toħloq preġudizzju lill-ebda wieħed minnhom. Kull kreditur kellu kull opportunità biex iressaq 'il quddiem ir-raġunijiet tiegħu u għalhekk huwa biss ġust u ekwu li l-Qorti tippronunzja ruħha dwar ir-raġunijiet kollha miġjuba quddiemha matul dan il-konkors.

26. Kif ingħad, fil-mori ta' dan il-konkors kienet maħtura perit legali, li fir-relazzjoni minnha preżentata fil-15 ta' Settembru 2023[24], qieset hekk dwar il-gradwazzjoni tal-krediti tal-konkorrenti:

> 6.1 Il-kwistjoni bejn il-partijiet ma tirrigwardax l-entita tal-pretensjonijiet rispettivi taghhom izda tirrigwarda l-gradwazzjoni. Huwa dan li effettivament ta lok ghal dawn il-proceduri.
>
> 6.2 Skond l-Artikolu 1995 tal-Kodici Civili: "*Il-beni tad-debitur huma garanzija komuni tal-kredituri tieghu, illi ghandhom lkoll jedd indaqs fuq dawk il- beni, kemm-il darba ma jkunx hemm bejniethom jeddijiet legittimi ta' preferenza*." Dan il-provvediment effettivament jirrakjudi fih ir-regola tal-'*par conditio creditorum*' li essenzjalment tfisser li, fl-assenza ta' kawza legittima ta' prelazzjoni, il-

[23] It-terminu ta' xahar mill-avviż sabiex min għandu interess jidher fil-konkors kien parti mit-test oriġinali tal-artikolu 416, li kien promulgat bħala l-artikolu 437 tal-Ordinanza IV tal-1854 imsemmija *Leggi di Organizzazione e Procedura Civile*. Min-naħa l-oħra, ir-raba' subinċiż żdied żmien wara, u għalhekk ma kienx parti mill-proċedura oriġinali tal-konkors.
[24] Ara fol.232.

kredituri ghandhom jikkompetu indaqs ghall-beni tad-debituri minghajr preferenza u, f'kaz ta' insufficjenza ta' fondi, il-kredituri ordinarji - dawk allura li m'ghandhomx kawza ta' preferenza - jiggradwaw pro rata.

6.3 Fis-sena 2009 kien hemm tentattiv, tramite Abbozz ta' Ligi li Jemenda Diversi Ligijiet li jirrigwardaw Materji Civili (Emenda Nru. 2), li inkorpora fih ordni fissa u trasparenti dwar kif ghandhom jigu gradwati l-varji krediti f'konkors ta' kredituri. Dak l-Abbozz kien haseb ghall-introduzzjoni ta' subartikolu gdid fil-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-gradwazzjoni tal-kredituri u kien gie propost hekk:-

> "4. Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 420 tal-Kodici ghandu jizdied dan is-subartikolu gdid li gej:
> "(3) Il-konkors bejn il-kredituri ghandu jigi ggradwat kif gej:
> (a) l-ispejjez gudizzjarji li jsiru fil-bejgh ta' immobbli u l-ispejjez gudizzjarji li jsiru fit-taqsim tar-rikavat;
> (b) kull talba tal-impjegati fir-rigward tal-massimu stabbilit bil-ligi tal-paga kurrenti pagabbli mill-principal lil dawk l-impjegati skont l-artikolu 20 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;
> (c) it-talba....tad-Direttur Generali (Sigurtà Socjali) jew tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghal xi ammont dovut bħala kontribuzzjoni tal-Ewwel Klassi jew tat-Tieni Klassi taht l-artikolu 116(3) tal-Att dwar is-Sigurtà Socjali;
> (d) it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni għal xi ammont dovut bhala tnaqqis ta' taxxa mill-income (PAYE) skont l-artikolu 23(11) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa;
> (e) it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skont l-artikolu 59(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;
> f) xi talba fiskali ohra meta l-ligi tipprovdi illi dawk it-talbiet ikunu ggradwati bi preferenza fuq kull talba ohra minkejja d-disposizzjoni ta' xi ligi ohra;
> (g) xi privileggi jew ipoteki rregistrati fir-Registru Pubbliku jew fir-Registru tal-Artijiet kif ikun il-kaz;
> (h) xi talba oħra:
>
> Izda jekk l-assi tal-fallut jinkludu oggetti fuq liema t-taxxi tal-importazzjoni ma jkunux thallsu, il-Kontrullur tad-Dwana għandu jigi innotifikat u

kull talba tieghu dwar taxxi bhal dawn ghandhom jiggradwaw qabel dawk tal-kredituri l-oħra."

6.4 L-ATT Nru. V tal-2010, li effettivament gie promulgat, ma inkorporax l-emenda rigwardanti l-gradwazzjoni tal-krediti f'konkors ta' kredituri. Ghaldaqstant, sabiex wiehed jasal ghad-determinazzjoni tal-gradwazzjoni tal-krediti, wiehed ghandu jhares lejn diversi ligijiet li jinkorporaw disposizzjonijiet varji, u ghall-gurisprudenza nostrali, u dana fl-assenza ta' kodifikazzjoni tal-ligijiet applikabbli fir-rigward.

6.5 Fid-dawl ta' dan, l-esponenti tibda biex taghmel is-segwenti osservazzjonijiet generali li, ghab-bazi taghhom, ser tigi proposta l-eventwali gradwazzjoni tal-krediti.

6.6 Il-krediti assigurati bi privilegg generali insibuhom taht l-intestatura "Fuq il-Privileggi Generali" fil-Kodici Civili. L-Artikolu 1999 tal-Kodici Civili jiddefinixxi l-privileggi bhala "*jedd ta' preferenza illi x-xorta tal-kreditu taghti lill-kreditur fuq il-kredituri l-ohra, ukoll jekk ikunu kredituri ipotekarji*".

6.7 Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Azzopardi vs MV Maltese Falcon** deciza fl-4 ta' April 2009, dik il-Qorti kkwotat sentenza ohra fl-ismijiet Spiteri v. Aguis, deciza fis-6 ta' Ottubru 2000, partikolarment dak li jghid il-Baudry Lacantinerie, fis-sens li d-definizzjoni li taghti l-ligi bil-privilegg, hija prova,

"che il legislatore non ravvisa nel privilegio che il diritto di preferenza che produrra i suoi effetti aspetto agli altri creditori dello stesso debitore. Quando di loro potra` essere invocato, il privilegio conferisce a chi ne investito il diritto di essere preferito agli altri creditori, anche ipotecari. Il privilegio dunque genera un privilegio di preferenza in virtu` del quale il creditore privilegiato e' pagato prima di tutti gli altri. Serve cosi a regolare i rapporti dei creditori di uno stesso debitore a determinare l'ordine col quale saranno collocati."

6.8 L-artikolu 2003, *inter alia*, jistabilixxi li wiehed mill-krediti privileggjati fuq il-beni kollha ta' kull xorta huma l-ispejjez gudizzjarji. Mhux kwalsiasi spiza gudizzjarja tikkwalifika bhala tali, izda biss dawk l-ispejjez gudizzjarji "*...li jsiru ghall-inventarju, jew ghal xi hag'ohra fl-interess tal-kredituri kollha, fosthom l-ispejjez mehtiega sabiex isir il-bejgh tal-beni u l-qsim tal-prezz taghhom*" (artikolu 2004(1)). Fl-ispejjez gudizzjarji huma komprizi: (a) l-ispejjez necessarji sabiex isir bejgh tal-assi tad-debitur u

ghad-distribuzzjoni tar-rikavat; (b) l-ispejjez inkorsi dwar atti gudizzjarji necessarji ghall-preservazzjoni tal-assi tad-debitur bhalma huma l-mandati, u (c) l-ispejjez l-ohra inkorsi fl-interessi komuni tal-kredituri.

6.9 Il-gurisprudenza ma kinitx dejjem pacifika dwar jekk spejjez gudizzjarji inkorsi minn kreditur partikolari dwar il-kreditu dovut lilu, ghandhomx jigu konsiderati bhala privileggjati jew inkella ghandhomx jitqiesu fl-istess grad tal-kreditu pretiz minn dak il-kreditur. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Aquilina vs Camilleri** fit-22 ta' Mejju 1950, dik il-Qorti qalet hekk:

"illi apparti l-fatt li fuq dan il-fatt il-gurisprudenza – kif gie rilevat mill-Imhallef Dr Luigi Camilleri fis-sentenza Appell Inferjuri "La Rosa vs Pirotta, 21 ta' Novembru 1925 – ma hijiex, jew almenu ma kinitx dejjem, pacifika, in-"nodum juris" f'kaz simili hu jekk l-ispejjez kienux utili ghall-kredituri kollha; u certament, meta jkunu inkorsi biex il-haga tigi prodotta a vantagg ta' kulhadd, allura spejjez simili ghandhom igawdu l-privilegg …sija a favur tal-venditur kemm a favur ta' dawk li nkorrew spejjez, kif ukoll ta' l-avukat u prokuratur legali, hi dejjem l-istess, li cjoe dawk l-ispejjez saru, jew l-onorarji gew gwadanjati, biex il-haga tigi prodotta a vantagg komuni …

Illi ma hemmx dubju li bil-kawza riferita fit-taxxa fol. 1 l-atturi ta' allura u odjern ipprokura d-depozitu tac-cedola nru 15 ta' l-1947 ….ghaliex bl-azzjoni tieghu rnexxielu jirrivendika fil-patrimonju tad-debitrici komuni Esther Cuschieri flus li, diversament, kienu jibqghu fil-patrimonju ta' wliedha;
….ghalkemm l-ispejjez maghmula mill-attur igawdu privilegg, ghaliex maghmula fl-interess komuni, jew almenu ghaliex fil-fatt jirrizultaw, billi pprokuraw dak id-depozitu a vantagg komuni, dan il-privilegg ghandu jigi limitat ghal dawk l-ispejjez konnessi mal-ispettanza tal-flus, u mhux estiz ghal dawk attinenti biss ghall-kanonizazzjoni."

6.10 Min-naha l-ohra fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs Crown Hotels Limited** deciza fit-28 ta' Marzu 2014, dik il-Qorti stabbiliet hekk:

"Dwar l-ispejjez relatati mas-sentenza li ottjeniet il-Bank of Valletta p.l.c., din il-Qorti taghraf li hemm gurisprudenza kontrastanti, u filwaqt li hemm gurisprudenza li taghti dan il-privilegg lill-ispejjez inkorsi ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu, hemm ohra illi tirritjeni illi l-ispejjez ghal

kanonizzazzjoni ta' kreditu ma humiex spejjez inkorsi fl-interess komuni u ghalhekk ma jgawdux il- privilegg generali in dizamina. Din il-Qorti, tqis li ghandha tabbraccja l-ewwel gurisprudenza li taghti lill-kreditur ezekutant privilegg specjali fuq l-ispejjez inkorsi ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tieghu, liema process ikun l-ewwel pass mehtieg qabel ma jinbdew il-proceduri bis-subasta. Hekk fil-kawza Busuttil v. Busuttil, deciza fid-29 ta' Novembru, 1873 intqal illi: "il creditore in concorso di altri creditori, gode di privilegio per le spese da lui erogate nella canonizzazione del suo credito".

…

Jidher ghalhekk illi din hija l-ahjar gurisprudenza kif irriteniet ukoll il-Qorti tal- Kummerc fil-Konkors tal-Kredituri ta' R. Farrugia deciz fl-14 ta' Ottubru 1937 (Vol XXIX Part III pg 380) – fis-sens li gej:

"verament hemm xi sentenza li tirritjeni illi l-ispejjez tal-kanonizzazjoni tal- kreditu, li l-kreditur jaghmel fl-interess tieghu proprju minghajr ma jkunu utli ghall-ohrajn, m'humiex privileggjati, imma ghandhom biss ikunu kollokati fl- istess grad tal-kreditu li tieghu huma accessorji; pero` s-sentenzi illi rritenew dawn l-ispejjez privileggjati ghandhom izjed fundament legali; ghaliex minghajr dawn l-ispejjez wiehed ma jistax jasal ghall-bejgh gudizzjali tal-beni tad-debitur u ghad-distribuzzjoni tal-prezz. Hija haga wisq cara li l-ispejjez tal- kanonizzazzjoni huma necessarji ghall-ezekuzzjoni tal-bejgh tal-proprjeta` u ghad-distribuzzjoni tal-prezz, ghaliex diversament il-mandat ta' elevazzjoni kawtelatorju kien jispicca".

6.11 Ghalkemm dawn is-sentenzi li jhaddnu l-hsieb abbracjat fis-sentenza Bank of Valletta vs Crown Hotels Limited jitkellmu dwar kanonizazzjoni li twassal ghaol bejgh gudizzjali tal-assi tad-debitur, hija l-fehma tal-esponenti li dan l-istess hsieb jista' jigi applikat ukoll fejn il-kanonizzazjoni tal-kreditu tkun necessarja sabiex jinhargu atti ezekuttivi li eventwalment wasslu ghad-depoziti mertu tal-konkors odjern. Ghal dan il-ghan, u ghab-bazi tal-insenjament fuq indikat tal-Qorti tal-Appell, l-ispejjez ghall-kanonizazzjoni tal-kreditu qed jitqiesu li jikkwalifikaw bhala kreditu assigurat bi privilegg generali, ghaliex bis-sahha tal-procedura ghal kanonizazzjoni tal-kreditu, li l-konkorrent ezekutant inghatalu titolu ezekuttiv li bih seta' jmexxi 'l quddiem it-talba tieghu ghall-ezekuzzjoni tal-kreditu tieghu bil-hrug ta' mandat ta' sekwestru. Inoltre, il-mandati ta' sekwestri li nhargu fuq

talba tal-kredituri konkorrenti saru fl-interess tal-kredituri konkorrenti kollha u proprju ghalhekk li qed isir il-konkors ghaliex gew depozitati flejjes insegwitu ghal tali mandati.

6.12 It-tieni tip ta' preferenza hija dik ipotekarja. Ipoteka hija definita fl-artikolu 2011(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta bhala *"jedd li jigi kkostitwit fuq il-beni tad-debitur jew ta' terza persuna, favur il-kreditur, biex jaghmel tajjeb ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni"*. Id-dritt ta' preferenza moghtija bis-sahha ta' kreditu munit b'ipoteka huwa li jithallas qabel krediti ohra. Iskrizzjoni ipotekarja skond il-ligi taghti dritt ta' preferenza mid-data ta' tali iskrizzjoni. Fir-rigward l-esponenti taghmel referenza ghall-artikolu 2033 (1) tal-Kapitolu 16, li jistipula illi "*L-ipoteka legali, gudizzjali jew konvenzjonali, m'ghandhiex effett jekk ma tigix imnizzla fir-Registru Pubbliku u ma tihux grad hlief minn dak in-nhar tal-iskrizzjoni*". L-artikolu 2092 ikompli li - "*Il-krediti ipotekarji jitħallsu skont l-ordni tal-iskrizzjoni, bla ħsara ta' dak li jingħad fl-artikolu 2033(2).*" L-artikolu 2093 jipprovdi li – "*L-ipoteki iskritti fl-istess gurnata jaghtu lill-kredituri jedd ghal grad indaqs, minghajr l-ebda differenza bejn l-iskrizzjonijiet maghmulin f'hin u dawk maghmulin f'hin ieħor ta l-istess gurnata.*"

## 7. GRADWAZZJONI TAL-KREDITI PARTIKOLARI TA' KULL KONKORRENT

7.1 Stabbilit dan, l-esponenti tipproponi li l-gradwazzjoni tac-Cedoli ta' Depozitu bin-numri 1622/21, 1313/21 u 1781/21 ssir bil-mod u fl-ordni segwenti:

7.1.1 **Fl-ewwel grad**, pari passu,

7.1.1.1 l-ispejjez gudizzjarji inkorsi mill-kredituri **Marlor Caruana u Kenneth Pullicino** sabiex infetah il-konkors skont taxxa tal-ispejjez li ghad trid tigi rilaxxata,

7.1.1.2 l-ispejjez gudizzjarji inkorsi minn **BNF Bank (Malta) plc** ghall-kanonizazzjoni tal-kreditu taghha fl-ammont ta' <u>€218.89 oltre VAT fuq id-drittijiet</u> skont it-taxxa ufficjali a fol 41, flimkien mal-ispejjez gudizzjarji ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru numru 279/2012 fl-ammont ta' <u>€128.17 oltre Vat fuq drittijiet</u> skont taxxa ufficjali a fol 40;

7.1.1.3 l-ispejjez inkorsi minn **Marlor Caruana u Kenneth Pullicino** rigward il-kanonizazzjoni tal-kreditu taghhom fl-ammont ta' €<u>305.30 oltre VAT fuq id-drittijiet</u> skont taxxa gudizzjarja tal-ispejjez a fol 207, flimkien mal-ispejjez gudizzjarji li saru rigward il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv intavolat minnhom numru 530/2020 fl-ammont ta' €<u>167.73 oltre Vat fuq drittijiet</u> skont taxxa a fol 203;

7.1.1.4 l-ispejjez gudizzjarji inkorsi minn **Pullicin Conbricks Ltd** ghall-kanonizazzjoni tal-kreditu taghha fl-ammont ta' €250.11 VAT inkluza skont taxxa gudizzjarja tal-ispejjez tal-kawza a fol 22. Dwar l-ispejjez li gew inkorsi rigward il-hrug tal-mandat ta' sekwestru numru 198/2020 l-esponenti mhijiex f'posizzjoni li tistabilixxi tali spiza peress li ma gietx prezentata taxxa fir-rigward.

7.1.1.5 L-ispejjez gudizzjarji inkorsi minn **Carmelo sive Charles Bianco ghan-nom tas-socjeta Western Company Limited** ghall-kanonizazzjoni tal-kreditu tieghu u l-ispejjez li gew inkorsi ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 926/2021, dwar liem izda l-esponenti mhijiex f'posizzjoni tistabilixxi figura peress li ma gewx prezentati taxxi ufficjali fir-rigward.

U dan peress li huma muniti bil-privilegg generali li ghalih hemm riferenza fl-Artikolu 2004 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7.1.2 **Fit-tieni grad,** il-kreditu ta' **Banif Bank plc** fl-ammont ta' €1,551.82 sorte, flimkien mal-imghaxijiet fl-ammont komplessiv ta' €2,804.70, oltre imghaxijiet ulterjuri mit-13 ta' Novembru 2022.

U dana peress li jinstab munit b'Ipoteka Generali Gudizzjari bin-numru 456/2013. Jirrizulta li huwa biss dan il-kreditu li huwa minuti b'ipoteka u ghalhekk jippregradwa krediti li ma jgawdux jedd ta' prelazjoni. I-bqija tal-konkorrenti qeghdin jikkompetu fuq krediti kirografarji.

7.1.3 **Fit-tielet grad**,

7.1.3.1 **Pullicin ConBricks Limited**, fl-ammont ta' €3,045.84 oltre l-imghaxijiet legali mit-30 ta' Novembru 2023;

7.1.3.2 **Western Company Limited**, fl-ammont ta' €8,314.70; u

7.1.3.3 **Marlor Caruana u Kenneth Pullicino**, fl-ammont ta' €13,586 oltre l-imghaxijiet legali kif mitluba fl-ittra ufficjali.

jikkonkorru pari passu fuq il-bilanc tac-cedoli 1622/2021 Cedola ta' Depozitu tal-Bank of Valletta plc fl-ammont ta' €5,655.98 u 1781/2021 Cedola ta' Depozitu tal-Bank of Valletta plc fl-ammont ta' €8,314.70 wara li jitnaqqsu l-krediti privileggjati u ipotekarji fuq elenkati, liema bilanc ghandu jigi ripartit bejn dawn il-kredituri fil-proporzjon tal-krediti rispettivi taghhom.

Dana peress li dawn il-kredituri ma rregistrawx ipoteki jew privileggi favur taghhom u ghalhekk ma jgawdux minn xi

> dritt ta' prelazjoni. It-titolu ezekuttiv li jgawdu minnu l-kredituri ma jikkwalifikax bhala kawza ta' preferenza.
>
> Il-kap ta' l-ispejjez jithallas kif hemm provdut fl-ewwel paragrafu tal-ordni tal-gradwazzjoni taht l-intestatura "fl-Ewwel Grad".

27. Kontra l-konklużjonijiet milħuqa mill-abbili perit legali, ressqu noti ta' kritika (i) il-kredituri Marlor Caruana u Kenneth Pullicino fis-16 ta' Mejju 2024; (ii) is-soċjetà Pullicin ConBricks Limited fis-17 ta' Ġunju 2024. Billi l-kritika diretta minn dawn iż-żewġ kredituri kontra l-fehmiet tal-perit legali hija komuni, il-Qorti sejra tqisha f'darba.

28. Fil-qosor, l-imsemmija kredituri jikkritikaw il-konklużjoni tal-perit legali li l-iżbank taċ-ċedola bin-numru 1313/2021 – li seħħ fil-mori tal-konkors – sar korrettement mis-soċjetà Western Company Limited, la darba l-flus depożitati permezz tal-imsemmija ċedola kienu jappartjenu lil Bernardette Apap, u l-konkors sar biss dwar il-kredituri ta' Andrè Apap. Huma jagħmlu riferenza għall-artikolu 422 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħid hekk:

> Waqt il-kompilazzjoni tal-proċess tal-konkors, ebda somma li fuqha jkun hemm il-konkors ma tista' titħallas mingħajr il-kunsens tal-interessati kollha, ħlief meta l-qorti, biex ma tħallix li jinġemgħu l-imgħaxijiet, bi ħsara ta' kulħadd, inkella għal raġuni oħra tajba, ikun jidhrilha li għandha tordna l-ħlas tal-kreditu ta' xi wieħed mill-konkorrenti, illi dwaru ma jkunx ġie kkontestat illi għandu jitħallas qabel krediti oħra jew preferenza fuqhom.

29. Il-kredituri msemmija jisħqu li l-kreditu tagħhom huwa eżiġibbli anki kontra Bernardette Apap, li skonthom hi mart Andrè Apap, u li f'kull każ l-iżbank qatt ma seta' jsir mingħajr l-awtorità tal-Qorti. Il-kreditriċi Pullicin ConBricks Limited iżżid tgħid li l-aġir tas-soċjetà Western Company Limited għandu jiġi addirittura ċċensurat billi tiġi skwalifikata mill-konkors.

*30.* Il-Qorti tqis li huwa fatt li bid-dikriet tal-25 ta' Frar 2022 ġie ordnat il-ftuħ ta' konkors anki dwar iċ-ċedola bin-numru 1313/2021. Għalhekk il-konkors kien jirrigwarda anki l-flus depożitati permezz tal-imsemmija ċedola ta' depożitu. Skont l-artikolu 416, konkors huwa neċessarju meta «*…fil-qrati superjuri … ikunu ġew iddepożitati flus, illi*

*fuqhom iżjed minn żewġ persuni jippretendu jeddijiet aqwa minn ta' ħaddieħor jew qabilhom, jew xi interess ieħor…*». Dan għalhekk ifisser li konkors ma jsirx fir-rigward ta' persuna partikolari iżda fir-rigward ta' depożitu jew depożiti partikolari. Huwa fil-konfront ta' dawk id-depożiti li iżjed minn żewġ persuni jkunu qed jippretendu jeddijiet, u għalhekk huwa fuq l-eżistenza u l-gradwazzjoni ta' dawk il-jeddijiet fir-rigward ta' dawk id-depożiti li l-Qorti trid tiddeċiedi matul il-konkors. F'dan is-sens għalhekk il-Qorti mhux qed taqbel mal-osservazzjoni tal-perit legali li l-parametri tal-konkors kienu ċirkoskritti għal Andrè Apap ad esklużjoni ta' Bernardette Apap. La ġew depożitati flus ta' pertinenza ta' Bernardette Apap li dwarhom iżjed minn żewġ persuni vantaw jeddijiet, mela l-eżistenza u l-gradwazzjoni ta' dawk il-jeddijiet iridu jiġu determinati, u l-kredituri għandhom raġun jgħidu li għal dak id-depożitu kien applikabbli l-artikolu 422.

31. Inqisu issa jekk dawn iż-żewġ kredituri għandhomx jeddijiet fuq id-depożiti ta' Bernardette Apap. Huwa paċifiku li l-krediti li dawn ressqu 'l quddiem f'dan il-konkors huma kanonizzati biss kontra Andrè Apap. Bernardette Apap ma tissemma mkien fit-titoli eżekuttivi tagħhom. Konsegwentement dawk it-titoli eżekuttivi ma jistgħux jiġu eżegwiti kontra Bernardette Apap.

32. Iżda l-liġi ma tridx li sabiex kreditur jipparteċipa effettivament f'konkors, dan irid ikollu kreditu kanonizzat. Anzi l-ġurisprudenza żammet proprju l-kuntrarju. «*Che è di regola che nei giudizi di concorso non è necessaria alcuna altra prova che d'un credito certo e liquido, o liquidabile* in continenti – *e la legge non esclude prove di crediti non risultanti da sentenze passate in cosa giudicata ed ammette qualunque siasi prova legale in dimostrazione del credito, per cui si domandai la pregraduazione*» (***Concorso dei creditori della cessata Società di Navigazione Maltese***, Appelli Kummerċjali, 27/11/1874)[25]. Fid-deċiżjoni dwar ***Concorso dei creditori della eredità giacente di Carlotta O. Calogera Oletta*** (Appell Superjuri, 12/10/1921)[26] ġie wkoll osservat: «…*è stato riconosciuto non essere in simili casi necessario premettere la domanda per la canonizzazione del credito, essendo la stessa implicita, e non essere necessaria*

[25] Kollezz. Vol.VII.244.
[26] Kollezz. Vol.XXIV.i.818. Inċidentalment, f'din id-deċiżjoni ġiet milħuqa l-konklużjoni li l-ispejjeż tal-kanonizzazzjoni tal-kreditur li jixpruna l-eżekuzzjoni m'humiex privileġġjati bħall-ispejjeż tal-eżekuzzjoni. Fehma din li l-perit legali warrbet fir-rapport tagħha favur ġurisprudenza oħra.

*alcun'altra prova fuorchè quella che si tratti di un credito certo o liquido o liquidabile "in continenti"*»[27].

33. Dan għalhekk ifisser li l-fatt li l-kredituri in kwistjoni ma kellhomx titolu eżekuttiv kontra Bernardette Apap ma kienx ta' xkiel għalihom biex jeżiġu l-ħlas mingħandha wkoll, kemm-il darba huma juru jedd kontra tagħha. Fil-fatt huma jsostnu li għandhom il-jedd jitħallsu mingħandha wkoll peress li hija tiġi mart Andrè Apap u bejniethom teżisti l-komunjoni tal-akkwisti.

34. Mill-atti hija nieqsa prova li Andrè Apap u Bernardette Apap huma konjuġi. Anzi, r-riċerki fir-Reġistru Pubbliku eżebiti f'dawn l-atti juru li Bernardette Apap tiġi omm Andrè Apap, u dan huwa korraborat anki minn ħarsa lejn in-numru tal-karta tal-identità tagħha[28]. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ma jistax jitqies li l-kredituri ta' Andrè Apap għandhom jedd enforzabbli kontra ommu, ad eċċezzjoni tas-soċjetà Western Company Limited li għandha titolu eżekuttiv fil-konfront tagħha wkoll.

35. Billi għalhekk jirriżulta li l-uniku konkorrent li għandu xi jedd fuq id-depożitu magħmul permezz taċ-ċedola bin-numru 1313/2021 hija proprju s-soċjetà Western Company Limited, il-Qorti mhux qed tara xi utilità fl-għoti ta' provvedimenti taħt l-artikolu 422 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u f'dan is-sens għalhekk qiegħda tikkonkorri mal-perit legali, anki jekk għal raġunijiet differenti minn dawk esposti fir-relazzjoni tagħha.

36. Waqt l-eskussjoni tal-perit legali, l-kreditur BNF Bank plc ġibed l-attenzjoni għal xi spejjeż li ma ġewx inklużi fil-gradwazzjoni mħejjija minnha, u l-perit legali korrettement osservat li dawn l-ispejjeż ma kienux ġew sottomessi max-xiehda tar-rappreżentant tal-istess Bank. Però l-Qorti tinnota li dawn l-ispejjeż kienu ġew sottomessi mill-istess Bank mar-rikors ta' żbank tiegħu tal-5 ta' Novembru 2021[29], li jifforma parti minn dawn l-atti, u għalhekk din l-ispiża ta' €218.73 se tiġi nkluża wkoll.

---

[27] Ara wkoll fl-istess sens ***Konkors tal-Kredituri ta' l-Eredita' Ġjaċenti ta' Lewis Spiteri Debono*** (Prim'Awla, 24/10/1960 – Kollezz. Vol.XLIV.ii.685).
[28] Ara fol.184.
[29] Ara fol.42.

37. Fl-aħħar nett, il-Qorti tagħmel riferenza għall-fehma espressa mill-abbli perit legali fis-sens li l-ispejjeż tal-kanonizzazzjoni tal-kredituri li jixprunaw l-eżekuzzjoni għandhom jitqiesu privileġġjati bħall-ispejjeż tal-ftuħ tal-konkors, billi wkoll isiru fl-interess komuni tal-kredituri. Fehma din li ma kinitx dejjem konkordi fil-ġurisprudenza, b'deċiżjonijiet favur u kontra din il-pożizzjoni, kif tajjeb esponiet il-perit legali fir-relazzjoni tagħha.

38. Id-dispożizzjonijiet rilevanti jinsabu fl-artikolu 2004 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid hekk:

> 2004. (1) L-ispejjeż ġudizzjarji privileġġati huma dawk li jsiru għall-inventarju, jew għal xi ħaġ'oħra fl-interess tal-kredituri kollha, fosthom l-ispejjeż meħtieġa sabiex isir il-bejgħ tal-beni u l-qsim tal-prezz tagħhom.
> (2) L-ispejjeż li kreditur jagħmel għall-kreditu tiegħu nnifsu u li mhumiex ta' ġid għall-kredituri l-oħra, jitqiesu bħala aċċessorju tal-kreditu stess.

39. Din id-dispożizzjoni għadha fl-istat oriġinali tagħha meta kienet promulgata bħala l-artikolu 1773 tal-Ordinanza VII tal-1868. Fin-notamenti li ħallilna Sir Adriano Dingli, nsibu hekk:

> Art. 1773. Combinato coll'art. 333, Proc. Civ., comprende la canonizzazione del credito.
> §2. Roma, Reg. to legis.vo per gli Stati Pontificii, di Greg. XVI, 1834, art.63. T.1179, P.2129.

40. Ir-riferenza għall-artikolu 333 tal-Kodiċi ta' Proċedura hija għal din id-dispożizzjoni[30]:

> Canonizzato il credito, si può procedere alla vendita forzosa delle sostanze del debitore per mezzo della subasta.
> La domanda per essere ordinata la subasta si fà per via di ricorso, qualora non sia fatta insieme colla domanda per la canonizzazione del credito.
> Nel ricorso saranno indicati i beni dei quali si domandi la subasta.
> Nelle corti contemplati nell'articolo 305 il ricorso potrà essere fatto verbalmente.

[30] Din id-dispożizzjoni ġiet eventwalment sostitwita u m'għadhiex tifforma parti mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

41. Jidher għalhekk li meta nkiteb l-artikolu 1773, l-ispejjeż ritenuti utili għall-kredituri kollha kienu jinkludu wkoll dawk tal-kanonizzazzjoni tad-dritt tal-kreditur eżekutant li fuq talba tiegħu kien isir il-bejgħ b'subbasta tal-ġid tad-debitur. Kemm hu hekk, il-liġi kienet tikkontempla l-possibilità li t-talba għas-subbasta ssir flimkien mat-talba għall-kanonizzazzjoni.

42. Għalhekk il-Qorti qed tqis li l-ġurisprudenza li fuqha straħet il-perit legali, u ċjoè dik li tqis li l-ispejjeż għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu li jwassal għall-esproprjazzjoni tal-ġid tad-debitur huma privileġġjati skont l-artikolu 2004, hija aktar fidila lejn il-kelma tal-liġi tagħna u lejn il-ħsieb ta' min fassalha. Il-Qorti tikkondividi wkoll il-fehma tal-perit legali li l-istess *ratio* japplika fejn l-ispejjeż tal-kanonizzazzjoni jkunu relatati ma' kreditu li minflok iwassal għall-bejgħ b'subbasta, iwassal għad-depożitu fil-Qorti ta' sostanzi likwidi tad-debitur. Hemmhekk ukoll l-ispiża tkun ġiet inkorsa fl-interess tal-kredituri kollha, u jkun xieraq li dik l-ispiża tkun privileġġjata għall-istess raġuni.

43. Kif diġà rriteniet il-Qorti, il-mod kif jinstema' u jiġi deċiż il-konkors ma jipprekludix li kredituri kanonizzati jipparteċipaw, u huwa possibbli għalhekk li għall-konkors jipparteċipaw kredituri li ma jkunux inkorrew spejjeż ġudizzjarji iżda jkunu xorta waħda muniti b'jeddijiet ta' preferenza aktar b'saħħithom minn dawk ta' kredituri oħra kanonizzati. F'dawk iċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż erogati minn dawk il-kredituri li jkunu **<u>direttament</u>** wasslu sabiex ikun hemm sostanzi fuq x'hiex isir il-konkors għandhom jitqiesu spejjeż privileġġjati għaliex saru fl-interess komuni tal-kredituri l-oħra.

44. F'dan is-sens għalhekk il-Qorti qiegħda tagħmel tagħha anki din il-konklużjoni tal-perit legali.

45. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi dan il-konkors billi tqis kif ġej:

(i) fir-rigward taċ-ċedola bin-numru 1313/2021, hija biss il-kreditriċi Western Solutions Limited li uriet jedd għall-flus hemmhekk depożitati, iżda la l-iżbank ta' dawn il-flejjes sar mill-imsemmija soċjetà diġà, ma tagħti ebda provvediment ieħor fir-rigward;

(ii) fir-rigward taċ-ċedoli bin-numri 1622/2021 u 1781/2021, tipprovdi dwar il-gradwazzjoni tal-kredituri konkorrenti kif ġej, u ċjoè:

**<u>Fl-ewwel grad,</u>** pari passu,

a) l-ispejjez ġudizzjarji inkorsi mill-kredituri **Marlor Caruana u Kenneth Pullicino** sabiex infetaħ il-konkors odjern skont taxxa tal-ispejjeż li għad trid tiġi rilaxxata,

b) l-ispejjeż ġudizzjarji inkorsi minn **BNF Bank (Malta) plc** għall-kanonizzazjoni tal-kreditu tagħha fl-ammont ta' <u>€218.89 oltre VAT fuq id-drittijiet</u> skont it-taxxa uffiċċjali a fol 41, flimkien mal-ispejjeż ġudizzjarji għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru numru 279/2012 fl-ammont ta' <u>€346.90 oltre Vat fuq drittijiet</u> skont taxxa uffiċċjali a fol 40 u 42;

c) l-ispejjeż inkorsi minn **Marlor Caruana u Kenneth Pullicino** rigward il-kanonizzazjoni tal-kreditu tagħhom fl-ammont ta' €<u>305.30 oltre VAT fuq id-drittijiet</u> skont taxxa ġudizzjarja tal-ispejjeż a fol 207, flimkien mal-ispejjeż ġudizzjarji li saru rigward il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv intavolat minnhom numru 530/2020 fl-ammont ta' €<u>167.73 oltre Vat fuq drittijiet</u> skont taxxa a fol 203;

d) l-ispejjeż ġudizzjarji inkorsi minn **Pullicin Conbricks Ltd** għall-kanonizzazjoni tal-kreditu tagħha fl-ammont ta' €<u>250.11 VAT inkluża</u> skont taxxa ġudizzjarja tal-ispejjeż tal-kawża a fol 22, kif ukoll l-ispejjeż ġudizzjarji inkorsi b'rabta mal-mandat ta' sekwestru bin-numru 198/2020 skont it-taxxa uffiċċjali tal-ispejjeż;

e) l-ispejjeż ġudizzjarji inkorsi minn **Carmelo sive Charles Bianco għan-nom tas-soċjetà Western Company Limited** għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tiegħu u l-ispejjeż li ġew

inkorsi ghall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 926/2021, ukoll skont it-taxxa uffiċċjali tal-ispejjeż;

u dan peress li huma muniti bil-privileġġ ġenerali maħsub fl-artikolu 2004(1) tal-Kodiċi Ċivili;

**Fit-tieni grad**, il-kreditu ta' **BNF Bank plc ġjà Banif Bank (Malta) plc** fl-ammont ta' €1,551.82 bħala sorte, flimkien mal-imgħaxijiet fl-ammont komplessiv ta' €2,804.70, oltre imgħaxijiet ulterjuri mit-13 ta' Novembru 2022;

u dana peress li jinstab munit b'ipoteka ġenerali ġudizzjali bin-numru 456/2013;

**Fit-tielet grad**,

**Pullicin ConBricks Limited**, fl-ammont ta' €3,045.84 oltre l-imgħaxijiet legali mit-30 ta' Novembru 2023;

**Western Company Limited**, fl-ammont ta' €8,314.70[31]; u

**Marlor Caruana u Kenneth Pullicino**, fl-ammont ta' €13,586 oltre l-imgħaxijiet legali kif mitluba fl-ittra uffiċċjali,

li lkoll jikkonkorru pari passu fuq il-bilanċ taċ-ċedoli ta' depożitu bin-numri 1622/2021 u 1781/2021, wara li jitnaqqsu l-krediti privileġġjati u ipotekarji fuq elenkati, liema bilanċ għandu jiġi ripartit bejn dawn il-kredituri fil-proporzjon tal-krediti rispettivi tagħhom.

(iii) l-ispejjeż ta' dan il-konkors ikunu kollha a karigu tad-debitur Andrè Apap, b'dan li huma biss l-ispejjeż magħmula mill-

[31] Jiġi rilevat li l-kreditur Western Company Limited ma talbitx imgħaxijiet fl-ittra uffiċċjali tagħha.

kredituri Marlor Caruana u Kenneth Pullicino sabiex jinfetaħ dan il-konkors li jkunu privileġġjati kif ingħad aktar qabel, għaliex huma biss dawn l-ispejjeż li saru fl-interess komuni tal-kredituri.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur